**30 ta' Lulju, 1984**

**Imħallfin:-**

**Onor. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Albert Portelli

*versus*

Dr. Joseph M. Buttigieg *et noe*

**Ġurisdizzjoni - Qrati Ordinarji - Tribunal Industrijali - Att XXX ta' l-1976;**

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u rriteniet illi filwaqt illi t-Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni esklussiva fuq każijiet ta' tkeċċija inġusta ad eskluzjoni tal-Qrati Ordinarji. Ma jirrizultax però illi l-Att XXX ta' l-1976 ikkonferixxa ġurisdizzjoni simili lit-Tribunal Industrijali fil-kwistjonijiet rigwardanti s-sospensjoni ta' haddiem mill-impieg jew mid-dmirijiet ta' impieg u għalhekk il-Qrati Ordinarji għandhom ġurisdizzjoni.*

*Il-Qorti ta' l-Appell lanqas ma laqgħet sottomissjoni illi t-Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni biex jikkunsidra l-każ taht il-poter li jisma' kaz ta' tilwim industrijali li jkun mibgħut lilu. Jekk tiġi mibgħuta lilu biss skond id-disposizzjoni ta' l-att tilwima dwar sospensjoni, it-Tribunal Industrijali jkollu ġurisdizzjoni. L-artikolu 31 ta' l-Att XXX ta' l-1976 b'ebda mod ma eskluda l-ġurisdizzjoni li l-Qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili għandhom taht id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li bih premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress illi l-attur huwa mpjegat tal-kumpannija konvenuta;

U peress illi fid-29 ta' Ġunju, 1982, assenta ruħu l-attur mix-xogħol u ftit wara ġie sospiż indefinittivament mid-dmirijiet tiegħu mill-*management* ta' l-istess kumpannija;

U peress illi m'hemm ebda provvediment li awtorizza lill-istess kumpannija konvenuta tagħti din is-sospensjoni in vjolazzjoni u kuntrarjament ta' l-artikolu 20 (2) ta' l-Att dwar il-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, 1952, li jikkontempla biss id-dritt li prinċipal ma jħallasx il-paga ta' dawk is-siegħat xogħol mitlufa u dan meta l-impjegat ma jkollux ġusta kawża;

U peress illi sussegwentement il-kumpannija konvenuta ikkwalifikat din is-sospensjoni bħala waħda mingħajr paga u b'hekk ġiebet il-vjolazzjoni ta' liġi dwar l-impieg;

Talab li:

Jgħidu l-konvenuti *nomine* għaliex m'għandhiex dik il-Qorti:

Tiddikjara illi l-imsemmija sospensjoni kif ukoll kwalifikata bħala mingħajr paga, illegali, nulla u mingħajr effett għar-raġunijiet fuq imsemmija;

Tikkundanna lill-istess konvenuti *nomine* jirtiraw l-istess ordni ta' sospensjoni msemmija fl-ewwel talba;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine*;

B'riserva għal kull azzjoni u l-konvenuti *nomine* kienu nġunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine*, fissens illi:

Fl-ewwel lok l-inkompetenza ta' dik il-Qorti *ratione materiae* stante li għandu kompetenza biss it-Tribunal Industrijali biex jinvestiga din il-kwistjoni skond l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali, Att XXX ta' l-1976:

Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress li:

It-talbiet huma nfondati fid-dritt:

Bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet huma nfondati stante l-aċċettazzjoni da parti ta' l-attur tas-sospensjoni bla paga minflok terminazzjoni mill-impieg:

B'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri:

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta' Diċembru, 1982, li biha sabet illi hija m'għandhiex ġurisdizzjoni fil-materja *ratione materiae* u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ u billi l-kwistjoni involuta kienet ġdida, iddeċidiet li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet wara li kkunsidrat:

Preliminarjament, illi fuq il-fatti prinċipali ma hemm ebda kontestazzjoni. L-attur, impjegat mal-kumpannija ċitata, mal-konvenuti *nomine*, fid-29 ta' Ġunju, 1982, assenta ruħu mix-xogħol u ftit wara ġie sospiż indefinittivament u mingħajr paga mix-xogħol tiegħu:

Ikkunsidrat dwar l-ewwel eċċezzjoni mogħtija illi din il-

Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni peress illi l-ġurisdizzjoni hija mil-liġi investita fit-Tribunal Industrijali. Dan jitlob riflessjoni dwar il-Qrati Ordinarji u t-Tribunali, hekk imsejħa, amministrattivi;

Fis-sistema Malti, il-Qrati ordinarji jeżistu biex jaqtgħu kwistjonijiet li jqumu bejn iċ-ċittadini u ċ-ċittadini u l-istat jew ir-Repubblika. Iżda fi żminijiet riċenti li jmorru lura l-isbaħ mitt sena, għal raġunijiet li mhux il-każ li nintilfu fuqhom, il-leġislatur ħassu aktar komdu u effiċjenti li joħloq tribunali biex jikkonċentraw fuq kwistjonijiet li joħorġu mill-amminstrazzjoni ta' xi settur amministrattiv partikolari, kif fil-fatt għamel meta ħalaq it-Tribunal Industrijali bl-Att XXX ta' l-1976. Minn dan isegwi li meta kwistjoni taqa' ċar fil-limiti tal-kwistjonijiet li għalihom tribunal partikolari kien maħluq, dik il-kwistjoni għandha tkun ikkunsidrata minn dak *it-tribunal; salv li jista'* jkun hemm xi parti awtonoma tal-kwistjoni li għad li tifforma parti mill-isfond sħiħ tal-kwistjoni li tkun, tkun tista' titqies fiha *nfisha, bħala separata minn dak l-isfond kollu. F'dawn il-każi* kollha, sempliċement għax jeżisti Tribunal Amministrattiv ma nistgħux ngħidu li l-Qrati Ordinarji ġew żvestiti mill-ġurisdizzjoni biex jiddeċidu dak *il-punt* ukoll, u dak il-punt biss, safejn hu awtonomu u jeżisti fih innifsu u mhux bħala parti mill-isfond ġenerali tal-kwistjoni;

Issa f'dan il-każ, is-sospensjoni ta' ħaddiem bla paga, li hija l-bidu ta' l-*iter* tad-diżimpieg, b'dellijiet koroh li s-sid jew min iħaddem irid jisraq ix-xogħol mingħand il-ħaddiem billi jħallilu l-karrotta mdendla quddiemu li mhux ser jasal biex ikeċċih mix-xogħol u mhux ser jipprova joqtlu bil-ġuħ, il-kwistjoni hija speċifikatament ikkuntemplata fil-liġi u fil-funzjonijiet tat-Tribunal Industrijali ukoll jekk tista' b'xi mod tikkunsidraha bħala awtonoma u separata (ara kif il-paragrafu (b) tad-definizzjoni ta' "tilwima industrijali" fl-artikolu 2 ta' l-Att, huwa ovvjament involut kullimkien fit-III (tielet) Taqsima

ta' l-Att dwar kif it-tilwim industrijali jintemm b'mezzi volontarji). La din il-ħaġa kienet magħmula mil-leġislatur li taqa' hekk ċar fil-funzjonijiet tat-Tribunal Industrijali, m'hemmx dubbju li huwa dak it-Tribunal li għandu ġurisdizzjoni, u l-ġurisdizzjoni kienet tkun tal-Qorti li kieku r-rimedju ma kienx ipprovdut daqshekk ċar mil-leġislatur;

Tqum waħedha l-kwistjoni, ribadita tajjeb mill-attur illi *lex ubi voluit dixit*, kif għamlet fl-artikolu 28 (1) fejn qalet ċar u tond li f'materja ta' allegata tkeċċija ħażina t-Tribunal Industrijali biss għandu ġurisdizzjoni: iżda dak il-provvediment kien meħtieġ mhux tant għaliex kien hemm xi dubbju dwar jekk it-Tribunal Industrijali kellux ġurisdizzjoni f'dawk il-kwistjonijiet, iżda wisq iktar billi f'materja ta' ġurisdizzjoni dwar tkeċċija ħażina l-Qrati Ordinarji kien diġà kellhom warajhom tradizzjoni mill-isbaħ ta' madwar erbgħa u għoxrin sena qabel ma nibet it-Tribunal Industrijali li kien ħa post it-Tribunal ta' l-arbitraġġ Malti imwaqqaf permezz ta' l-Att ta' l-1948 dwar l-Arbitraġġ u Konċiljazzjoni, u kien neċessarju li l-leġislatur jagħmilha ċar, la hekk ried, li l-ġurisdizzjoni ma kinitx sejra tkun duplici: dik tal-Qrati Ordinarji u dik tat-Tribunal Industrijali. Il-ġurisdizzjoni kellha tkun unikament tat-Tribunal Industrijali u ta' ħadd iktar;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur ippreżentata fl-20 ta' Diċembru, 1982;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tiegħu ppreżentata fit-3 ta' Jannar, 1983, li biha, għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka l-imsemmija sentenza appellata fejn laqgħet l-eċċezzjoni ta' inkompetenza ssollevata mill-appellat (*sic*) u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-kawża u billi tiddikjara l-Ewwel Qorti kompetenti illi tkompli tieħu konjizzjoni tal-kawża skond il-liġi bl-ispejjeż kontra l-

konvenuti *nomine*:

Rat ir-risposta tal-konvenuti appellati *nomine* li biha ssottomettew li l-appell huwa irritu u null minħabba li jikser il-provvediment tal-Kodiċi ta' Organizzjoni u Proċedura Ċivili, artikolu 993 (1) u (2) u għalhekk invokaw l-applikazzjoni tas-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu, salvi sottomissjonijiet oħra *fil-meritu* jekk ikun il-każ:

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Jannar, 1984 relattivament għall-imsemmija eċċezzjoni fir-risposta tal-konvenuti appellati *nomine*:

*Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni:*

Trattat l-appell:

Ikkunsidrat:

F'din il-kawża l-attur appellant qiegħed jitlob li s-sospensjoni mid-dmirijiet tiegħu msemmija fiċ-ċitazzjoni magħmula mill-konvenuti appellati *nomine* tiġi ddikjarata illegali, nulla u mingħajr effett u li l-konvenuti appellati *nomine* jiġu kkundannati jirtiraw l-ordni tagħhom ta' sospensjoni. Min-naħa tagħhom il-konvenuti appellati *nomine* eċċepew l-inkompetenza *ratione materiae* ta' l-Ewwel Qorti stante li kellu kompetenza biss it-Tribunal Industrijali biex jieħu konjizzjoni tal-kwistjoni. L-Ewwel Qorti laqgħet din l-eċċezzjoni b'sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru, 1982 u l-attur issa qiegħed jappella minn din id-deċiżjoni:

Ikkunsidrat:

Għandu jingħad mal-ewwel li din il-Qorti, kuntrarjament għal dak li donnha qalet l-Ewwel Qorti, tirritjeni li għandha ssir distinzjoni netta bejn il-każ ta' sospensjoni, li huwa l-każ preżenti, u l-każ ta' tkeċċija. L-Att XXX ta' l-1976 stess fl-artikolu 2 jiddefinixxi "tkeċċija inġusta" dwar ħaddiem bħala li tfisser it-temm (*"termination"* fit-test Ingliż) mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' impieg għal żmien mhux stipulat. Huwa ovvju li t-temm jew terminazzjoni ta' impieg hija ħaġa kompletament differenti minn sospensjoni minn impieg u din id-distinzjoni wieħed jista' jsibha fid-definizzjoni li l-liġi tagħti ta' "tilwima ta' xogħol" fl-istess artikolu 2 ta' l-Att XXX ta' l-1976 fejn jingħad li l-kliem "tilwima ta' xogħol" tfisser tilwima li jkollha x'taqsam *inter alia* ma' "(b) tħaddim jew nuqqas ta' tħaddim jew it-<u>tmiem</u> jew is-<u>sospensjoni</u> ta' impieg jew ta' dmirijiet ta' impieg ta' ħaddiem jew aktar". Il-liġi stess mela qiegħda tiddistingwi bejn "tmiem" u "sospensjoni" u meta l-liġi fl-Att titkellem dwar "tkeċċija inġusta", wieħed irid jifhem dawn il-kliem fis-sens li tatihom il-liġi fid-definizzjoni fuq imsemmija, ċjoè fis-sens ta' tmiem ta' impieg a differenza mill-każ ta' sospensjoni:

Ikkunsidrat:

Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta), wara li fl-artikolu 2 (1) jiddisponi li l-Qrati tal-Ġustizzja ta' Ġurisdizzjoni Ċivili għall-Gżira ta' Malta u l-Gżejjer li jagħmlu magħha huma jew Superjuri jew Inferjuri, ikompli jgħid fis-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu li lill-Qrati tal-Ġustizzja ta' Ġurisdizzjoni Ċivili <u>biss</u> hija mogħtija l-awtorità ġudizzjarja fil-ħwejjeġ ċivili ta' kompetenza tat-tribunal tal-Gżira ta' Malta u l-Gżejjer li jagħmlu magħha. Fl-artikolu 3 imbagħad il-Kodiċi jgħid li l-Qrati Superjuri huma l-Qorti Ċivili, il-Qorti tal-Kummerċ u l-Qorti ta' l-Appell. In vista ta' dawn id-disposizzjonijiet ta' natura ġenerali, il-Qrati tal-Ġustizzja ta' ġurisdizzjoni ċivili

kellhom. u fil-fatt kienu. jiehdu konjizzjoni ta' kawżi rigwardanti s-sospensjoni jew tkeċċija ta' haddiem:

Bl-Att XXX ta' l-1976 fuq imsemmi. u b'mod partikolari bl-artikolu 28 (1). il-liġi dderogat ghar-regola ġenerali fuq imsemmija billi ddisponiet illi "minkejja kulma jinsab f'kull liġi ohra. it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċidi l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta ghal kull ghan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' haddiem hekk imkeċċi ghall-ksur tad-dritt tieghu li ma jitkeċċix b'mod inġust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat fit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra. Il-liġi fl-istess artikolu 28, ghamlet eċċezzjonijiet ghal din id-deroga - fil-każ ta' uffiċjali pubbliċi u ta' persuni li ghalhom japplikaw l-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Haddiema tal-Port jew l-Att ta' l-1970 li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku. Il-liġi ukoll ghamlet eċċezzjoni ghall-istess deroga fil-każ ta' proċedimenti dwar tkeċċija inġusta li kienu pendenti quddiem Qorti ohra kompetenti fil-mument li beda jsehh l-imsemmi Att. liema proċedimenti setghu jitkomplew quddiem dik il-Qorti:

Ghalhekk. salvi l-eċċezzjonijiet fuq imsemmija. l-Att XXX ta' l-1976 bl-artikolu 28 fuq ċitat. ikkonferixxa ġurisdizzjoni esklussiva fuq it-Tribunal Industrijali f'każ ta' kwistjonijiet rigwardanti tkeċċija inġusta ad esklużjoni tal-Qrati Ordinarji u bhala eċċezzjoni ghar-regola ġenerali stabbilita mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif fuq inghad. Minn eżami ta' l-istess Att XXX ta' l-1976 ma jirriżultax li dak l-Att ta lit-Tribunal Industrijali ġurisdizzjoni esklussiva simili fil-każ ta' kwistjonijiet rigwardanti s-sospensjoni ta' haddiem mill-impieg jew mid-dmirijiet ta' impieg u kwindi l-Qorti tirritjeni li l-Qrati ordinarji msemmija fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili baqghu igawdu l-ġurisdizzjoni li kellhom taht dak il-Kodiċi li jiehdu konjizzjoni

ta' kwistjonijiet simili;

Ikkunsidrat:

Il-konvenuti appellati *nomine* qegħdin jissottomettu fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom (fol. 21-23) in sostenn ta' l-imsemmija eċċezzjoni preliminari illi. skond l-artikolu 31 (1) ta' l-imsemmi Att XXX ta' l-1976. it-Tribunal Industrijali għandu jikkunsidra t-tilwima ta' xogħol. il-kwistjoni jew l-ilment mibgħut lilu u billi "tilwima ta' xogħol" (*trade dispute* fit-test Ingliż). tfisser ukoll. skond id-definizzjoni tagħha fl-artikolu 2 ta' l-Att. is-sospensjoni ta' impieg jew ta' dmirijiet ta' impieg. għalhekk il-kompetenza li tikkunsidra t-tilwima in kwistjoni ma kinitx taqa' aktar quddiem l-Ewwel Qorti iżda huwa t-Tribunal Industrijali li għandu jikkunsidraha:

Il-Qorti. però. ma tistax taċċetta din is-sottomissjoni. L-artikolu 31 (1) ma jgħidx biss li t-Tribunal Industrijali għandu jikkunsidra t-tilwima ta' xogħol. imma jgħid ukoll li għandu jikkunsidra dik it-tilwima ta' xogħol li tkun mibgħuta lilu. Jiġifieri jekk tiġi mibgħuta lilu tilwima ta' xogħol skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att, it-Tribunal għandu l-obbligu li jikkunsidraha. L-artikolu 31 (1) mela jikkonferixxi ġurisdizzjoni fuq it-Tribunal Industrijali f'każ ta' tilwima ta' xogħol. fosthom anke tilwima dwar sospensjoni minn impieg jew minn dmirijiet ta' impieg. li tiġi mibgħuta lilu skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att iżda ma jagħtix lill-istess Tribunal ġurisdizzjoni esklussiva. bħalma jagħmel espressament l-artikolu 28 fil-każ ta' tkeċċija inġusta. biex jieħu konjizzjoni ta' tilwima dwar sospensjoni minn impieg jew dmirijiet ta' impieg. Jekk tiġi mibgħuta lilu. skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att. tilwima dwar sospensjoni. it-Tribunal Industrijali jkollu ġurisdizzjoni; jekk ma tiġix hekk mibgħuta lilu ma jkollux ġurisdizzjoni. Dak l-artikolu 31 (1) ma jeskluda bl-ebda mod il-

ġurisdizzjoni li l-Qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili għandhom taħt id-disposizzjonijiet fuq ċitati tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex jieħdu konjizzjoni ta' tilwima rigward sospensjoni minn impieg jew dmirijiet ta' impieg; żied biss il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali f'każ ta' tilwima ta' xogħol li tiġi mibgħuta lilu;

Fl-aħħarnett il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tagħha mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Alfred Buhagiar** ***et nomine*** **vs Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni** ***et.*** fit-23 ta' Jannar, 1984, fejn kienet waslet għall-istess konklużjoni li waslet għaliha fid-deċiżjoni preżenti;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka fil-meritu s-sentenza appellata u tiċħad l-eċċezzjoni ta' inkompetenza *ratione materiae* ssollevata mill-konvenuti appellati *nomine* billi tiddikjara l-Ewwel Qorti kompetenti *ratione materiae* li tieħu konjizzjoni tal-kawża u tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti mentri l-ispejjeż ta' din it-tieni istanza, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

---